**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **56/2023 (AD)**

**ALDO SCHEMBRI ADAMI (KI 340067M) U**
**MARIA LOUISA SCHEMBRI ADAMI (KI 230371M)**

**VS**

**L-AVUKAT TAL-ISTAT**
**L-AWTORITA' TAD-DJAR**
**CARMELO CIOFFI (KI 0310145M)**
**MARGARET CIOFFI (KI 0751747M) U**
**GRAZIELLA SCHEMBRI ADAMI (KI 043665M) GĦAL KULL INTERESS LI JISTA' JKOLLHA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sittax (16) ta' Frar 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza preliminari **<u>limitatament</u>** rigward l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-Avukat tal-Istat fit-tieni paragrafu tar-risposta tiegħu, u minn Graziella Schembri Adami fl-ewwel paragrafu tar-risposta tagħha, illi l-kawża odjerna hija intempestiva u jeħtieġ illi tissopprasjedi dik numru 888/2022 (CFS) fl-ismijiet *Graziella Schembri Adami vs Maria Louisa Schembri Adami et*;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. B'rikors datat tmienja (8) ta' Frar 2023, ir-rikorrenti ppremettew illi huma proprjetarji ta' żewġ terzi (2/3) indiviżi tal-fond 19, 'Ave Maria' appartament numru 1 u numru 2, Vjal De La Salle, il-Gżira, illi huma akkwistaw *per via di successione* mill-eredita' tal-mejta ommhom, ossia Yvonne Schembri Adami nee Brincat li mietet fid-19 t'April 2010, permezz ta' testment tas-sbatax (17) ta' Diċembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler. Din il-proprjeta' kienet soġġetta għal *Requisition Order* minn Marzu 1974 sa Ottubru 2003, u b'kuntratt tal-15 ta' Ġunju 1989, Yvonne Schembri Adami u Lorenza Brincat kienu kkonċedew il-fond b'titolu ta' konċessjoni enfitewtika temporanja lilll-intimat Carmelo Cioffi. Preżentement jirrisjedu fil-fond l-intimati Carmelo Cioffi u Margaret Cioffi b'kera ta' €506.00 fis-sena. Ir-rikorrenti qed jikkontendu illi l-fatt illi, bl-applikazzjoni tal-Att XXIII tal-1979, l-intimati ngħataw dritt ta' rilokazzjoni perpetwa għall-fond in kwestjoni, ir-rikorrenti ġew imċaħħda mit-tgawdija tal-propjreta' tagħhom, mingħajr ma ġew mogħtija kumpens xieraq għat-teħid tal-pussess tal-istess fond. Għaldaqstant qed jitolbu minn din il-Qorti dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll likwidazzjoni, ħlas u kumpens b'konsengwenza tal-istess leżjoni;

3. Mill-banda l-oħra, permezz ta' risposta datata ħmistax (15) ta' Marzu 2023, l-intimat **Avukat tal-Istat** oġġezzjona għat-talbiet rikorrenti billi ssolleva

numru ta’ eċċezzjonijiet preliminari u fil-mertu, fosthom it-tieni eċċezzjoni preliminari kif isegwi:

> *2. Illi magħdud ma’ dan u preliminarjament ukoll, għandu jiġi miġjub a konjizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti illi preżentament quddiem din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Ċivili tagħha diversament preseduta hemm kawża pendenti fl-ismijiet* ***Graziella Schembri Adami vs Maria Louisa Schembri Adami et (Rik 888/2022)*** *fejn qiegħed jiġi attakkat it-testment li jiċċitaw ir-rikorrenti u li permezz tiegħu huma jgħidu illi wirtu l-proprjeta’ in kwistjoni ossia t-testment datat 17 ta’ Diċembru 2009 in atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler;*
>
> *3. Illi in vista tal-kawża pendenti suesposta, kif ukoll in vista tar-rimedji ordinarji disponibbli lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-fond in kwistjoni u/jew biex jawmentaw il-kera ikkontestata, irrendi din l-azzjoni* ***intempestiva****.*

4. Hekk ukoll, b’risposta datata erbgħa (4) ta’ Mejju 2023, l-intimata **Graziella Schembri Adami** ressqet żewġ eċċezzjonijiet, bl-ewwel eċċezzjoni preliminari tkun is-segwenti:

> *1. Illi <u>preliminarjament</u> l-azzjoni attriċi mhix determinabbli f’dan l-istadju u dan billi t-titolu tar-rikorrenti naxxenti mill-wirt ta’ ommhom, id-defunta Yvonne Schembri Adami, u sussegwentement l-abilita’ tagħhom li jeżerċitaw l-jeddijiet tagħhom naxxenti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tal-Jeddijiet tal-Bniedem, fuq l-imsemmija proprjeta’, huma mertu ta’ kawża oħra fl-ismijiet “Graziella Schembri Adami v. Maria Louisa Schembri Adami et” bin-numru 822/2022 DC* (sic) *u differita għal 5 ta’ Ġunju 2023 fin-12:00pm;*

*(i) Illi fl-imsemmija kawża l-esponenti qiegħda titlob sabiex it-testment ta' ommha, cioe id-defunta Yvonne Schembri Adami magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler fis-17 ta' Diċembru 2009 jiġi annullat u ddikjarat invalidu, kopja informali tar-rikors promotur annessa* ***DOK A*** *u l-esitu ta' dik il-kawża ser ikollha effett dirett fuq din l-istess kawża tant li werrieta oħra ser ikollhom jiġu inklużi l-istess proċedura u oħrajn inkluż l-attriċi estromessi mill-istess b'hekk hemm ħtieġa li din il-kawża tissopprasjedi dik numru 822/2022 DC* (sic)*;*

*(ii) Illi fis-sentenza "Carmelo u Pauline konjuġi Calamatta vs Mario u Mary Anne sive Miriam konjuġi Darmenia et" bin-numru 1108/1999/1 PS datata 12 ta' Novembru 2003, l-Onorabbli Qorti tal-Appell qalet illi "Hi ġurisprudenza sekolari illi s-soprasessjoni hi ammessa u għandha tiġi dekretata meta din tkun spedjenti"*;

*(iii) Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet "Axel Johnson International AB noe vs Aluminium Extrausions Ltd" bin-numru 145/2000/1 GV datata 21 ta' Frar 2001 sostniet is-segwenti: "l-Qorti għandha tilqa' talba għas-soprasessjoni biss: a) meta hu spedjenti li tagħmel hekk; b) meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawża oħra; c) il-Qorti m'għandhiex tordna is-soprasessjoni jekk il-parti l-oħra tkun ser tbati preġudizzju; d) is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u għandu jiġi applikat biss jekk hu neċessarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja";*

*(iv) Illi għaldaqstant, peress li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti jistrieħu fuq il-wirt ta' ommhom, liema wirt qed jiġi attakat fil-kawża 822/2022 DC* (sic)*, il-kawża de quo*

*tissodisfa l-kriterji naxxenti mill-ġurisprudenza ta' dawn il-qrati għas-soprasessjoni;*

5. Waqt is-seduta tal-għoxrin (20) ta' Ġunju 2023, ġie deċiż illi din il-Qorti kienet ser tisma' trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimata Graziella Schembri Adami u t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat qabel tkompli tisma' l-kawża fil-mertu.

**Il-Qorti**

6. Wara illi rat l-atti kollha preżentati mill-partijiet;

7. Semgħet it-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimata Graziella Schembri Adami u t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat waqt is-seduta tal-għaxra (10) t'Ottubru 2023;

8. Rat illi waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Ġunju 2023 il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza dwar l-istess żewġ eċċezzjonijiet;

9. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

10. Preliminarjament, ai fini ta' kjarifika, din il-Qorti tinnota illi għalkemm il-konvenuta Graziella Schembri Adami, fir-risposta tagħha, tagħmel referenza għal Rikors Ġuramentat Nru 822/2022 (DC), irriżulta lil din il-Qorti mill-atti illi dak illi kienet effettivament qed tirreferi għalih il-konvenuta kien ir-Rikors Ġuramentat Nru 888/2022 (CFS). Infatti, ir-Rikors Ġuramentat Nru 822/2022 (DC) jidher illi huwa dak illi permezz tiegħu ġiet intavolata l-kawża minn Maria Louisa Schembri Adami, Aldo Schembri Adami u Sandro Schembri Adami kontra l-konvenuta Graziella Schembri Adami, u huwa f'dik il-kawża illi ntlaqgħet it-talba għas-soprasessjoni[1]. Mill-

[1] Vide **Dok C** anness man-nota ta' Graziella Schembri Adami, a fol 84 *et seq* tal-proċess

banda l-oħra, fin-nota tagħha datata tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju 2023, il-konvenuta Graziella Schembri Adami tagħti lil din il-Qorti x'tifhem illi dik illi hija tagħmel referenza għaliha fir-risposta tagħha hija dik bir-Rikors Ġuramentat nru 888/2022 (CFS), u cioe l-kawża fl-ismijiet ***Graziella Schembri Adami vs Maria Luisa Schembri Adami et***. Dan anke kif jixhed **Dok A1** esebit mill-Avukat tal-Istat, a fol 96 *et seq* tal-proċess, u kif isostni l-Avukat tal-Istat fl-eċċezzjoni tiegħu. Il-Qorti għalhekk tikkjarifika illi din is-sentenza preliminari sejra tittratta talba għas-soprasessjoni tal-kawża odjerna pendenti l-eżitu tal-kawża bir-Rikors Ġuramentat nru 888/2022 (CFS);

11. Fir-rigward ta' soprasessjoni, ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Alfred Spiteri et vs Awtorita' dwar it-Trasport et***[2]*:*

> *14. In tema legali jiġi osservat li jinsab ritenut li:*
>
> *"... huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigħ fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa, trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi [ta' Organizzazzjoni u] Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għadejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;*

[2] Rik Nru 369/09, Qorti tal-Appell (Superjuri), 30 ta' Settembru 2016

*"Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik.*

*"... Jinsab assodat ukoll fil-ġurisprudenza nostrana illi s-soprasessjoni tiġi ammessa biss meta tkun spedjenti, u li l-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita'. Magħdud dan, isegwi illi s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li għandu jiġi applikat biss fejn ikun neċessarju fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja. [vide in materja PA* ***Sylvana Tanti vs Noel Tanti et*** *– 3 ta' April 2014]."*

12. Referenza saret għas-sentenza appena ċitata fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Charles Grech vs Spiridione u Anna konjuġi Bondin***[3], fejn il-Qorti tal-Appell saħqet illi s-soprasessjoni hija ammessa meta:

*a. Din tkun spedjenti fis-sens li l-kwistjoni pendenti quddiem Qorti oħra tinfluwixxi fuq il-mertu tal-azzjoni preżenti;*

*b. Meta l-eżitu tal-kawża li tiġi soprasseduta jkun jiddependi jew alemenu jista' jkun jiddependi mill-eżitu ta' kawża oħra;*

*c. Irid ikun hemm lok għal soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawża oħra;*

*d. Jekk il-parti l-oħra ma tkunx ser tbati preġudizzju;*

[3] Rik Nru 385/22/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 10 t'Ottubru 2023

*e. Hu biss neċessarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja peress li hija rimedju straordinarju.*

13. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi issa sabiex teżamina dak illi qed jintalab fil-kawża odjerna, u dak illi qed jintalab fil-kawża bir-Rikors Ġuramentat nru 888/2022, sabiex tara jekk jissussistux l-elementi sopraċitati, u, konsegwentement, għandhiex tintlaqa' t-talba għal soprasessjoni;

14. It-talbiet kontenuti fir-Rikors Ġuramentat Nru 888/2022[4] huma s-segwenti:

*1.* ***TIDDIKJARA u TIDDECIEDI*** *illi l-imsemmija Yvonne Schembri Adami ma kinitx kapaċi tagħmel it-testment tas-17 ta' Diċembru 2009 fl-atti tan-nutar Dottor Peter Fleri-Soler u dana minħabba li ma kinitx tippossjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mil-Liġi b'tali mod li ma setgħet qatt tapprezza dak li kienet qed tagħmel;*

*2.* ***TIDDIKJARA*** *konsegwentement l-imsemmi testment tas-17 ta' Diċembru 2009 fl-atti tan-nutar Dottor Peter Fleri-Soler null u bla effett;*

*3.* ***TORDNA*** *konsegwentement lill-intimati sabiex fi żmien perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi, jirrestitwixxu lir-rikorrenti l-assi ereditarji kollha kemm mobbli kif ukoll immobbli, appartenenti lid-defunta Yvonne Schembri Adami skont il-liġi;*

*4.* ***TORDNA*** *fin-nuqqas li l-intimati jirrestitwixxu l-istess assi, jħallsu lir-rikorrenti l-valur tal-assi ereditarji appartenenti lid-defunta Yvonne Schembri Adami, u dan*

[4] Vide **Dok A1** a fol 96 *et seq* tal-proċess

*occorrendo b'nomina ta' perit arkitett sabiex jistma l-istess assi, jekk ikun hemm il-ħtieġa;*

*5. **TAGĦTI** dawk l-ordnijiet u direttivi kollha li l-istess Qorti jidhrilha xierqa u opportuna;*

15. Għaldaqstant, Graziella Schembri Adami qed tippremetti fil-kawża bir-Rikors Ġuramentat Nru 888/2022 illi t-testment ta' Yvonne Schembri Adami datat 17 ta' Diċembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler huwa null u bla effett, u li għandu japplika t-testment ta' Yvonne Schembri Adami datat 30 ta' Diċembru 1998 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr George Bonello Du Puis;

16. Din il-Qorti rat illi, permezz tat-testment datat **17 ta' Diċembru 2009**[5], Yvonne Schembri Adami kienet innominat *"as her sole universal heirs her children Sandro, Graziella, Aldo and Maria Louisa siblings Schembri Adami, in equal shares between them, with the right of vulgar substitution of any other descendants of her heirs."* Mill-banda l-oħra, it-testment datat **30 ta' Diċembru 1998**[6] kien jistipula illi, *"Salv il-premess, it-testatriċi tinnomina u tistitwixxi b'eredi tagħha fil-qwota ta' qwart indivis kull wieħed lil uliedha n-Nutar Sandro, Graziella u Aldo, aħwa Schembri Adami, bis-sostituzioni vulgari ta' uliedhom u ulteriuri discendenti; u fil-qwota ta' dodiċesimu indivis lil bintha Maria Louisa mart Joseph Xerri u fil-qwota ta' sest indivis lin-neputija Dona' bid-dritt tal-accresciment bejniethom."* Mill-atti jirriżulta illi n-Nutar Sandro Schembri Adami rrinunzja għal sehmu mill-wirt t'ommu Yvonne Schembri Adami b'digriet numru 588/2010[7];

17. Għaldaqstant, fil-każ illi l-kawża bir-Rikors Ġuramentat Nru 888/2022 ikollha eżitu favur Graziella Schembri Adami, sehem Aldo u sehemha jibqgħu l-istess, iżda sehem Maria Louisa jonqos għal seba' partijiet minn tnax (7/12), u tidħol fix-xena wkoll in-neputija Dona';

[5] Vide **Dok B** anness mal-kopja tar-Rik Ġur 888/2022, a fol 101 *et seq* tal-proċess
[6] Vide **Dok G** anness mal-kopja tar-Rik Ġur 888/2022, a fol 108 *et seq* tal-proċess
[7] Vide **Dok H** anness mal-kopja tar-Rik Ġur 888/2022, a fol 110 tal-proċess

18. Jekk wieħed imbagħad idur għall-kawża odjerna, din il-Qorti rat illi r-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom qua proprjetarji tal-fond illi huma wirtu mingħand ommhom Yvonne Schembri Adami, u qed jitolbu likwidazzjoni u ħlas ta' danni bħala kumpens għal tali leżjoni. Fil-każ t'eżitu favur ir-rikorrenti, din il-Qorti takkorda kumpens skont il-kwota rispettiva illi tkun tappartjeni lil kull rikorrent mill-proprjeta' mertu tal-kawża, soġġett dejjem għal prova illi tikkonvinċi lil din il-Qorti illi kull rikorrent għandu s-sehem illi huwa qed jippretendi illi għandu;

19. Meqjusa ż-żewġ rikorsi, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-eċċezzjonijiet dwar soprasessjoni għandhom jintlaqgħu. Għalkemm l-eżitu tal-kawża odjerna teknikament mhux sejjer jiddependi mill-eżitu tal-kawża l-oħra, il-kwestjoni fil-kawża l-oħra sejra tinfluwixxi fuq il-mertu tal-azzjoni preżenti, stante illi: (a) sabiex jingħata kumpens għandha tinġab prova ta' min hu sid il-kera, ta' min hu proprjetarju, u tal-kwota illi kull sid il-kera u/jew proprjetarju għandu mill-fond mertu tal-kawża, u (b) il-kumpens illi jingħata f'każ t'eżitu favorevoli huwa wieħed illi jiġi determinat skont il-kwota tal-proprjetarji fil-proprjeta' illi dwarha tkun ġiet intavolata l-kawża;

20. Inoltre, din il-Qorti ma tqisx illi r-rikorrenti ser ibatu xi forma ta' preġudizzju jekk il-kawża odjerna tiġi sopraseduta. Din il-Qorti ma tkun qed tgħid xejn ġdid meta tgħid illi, f'kawżi ta' din ix-xorta illi jirrigwardaw il-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta, illi din il-Qorti kellha l-okkażjoni tara ħafna bħalhom, kumpens – fejn dovut – jingħata biss sal-2018. Tant hu hekk, illi r-rikorrenti, fir-Rikors Kostituzzjonali tagħhom, jgħidu illi *"l-kawża odjerna qiegħda tiġi limitata sal-31 ta' Diċembru 2018"*[8]. Għaldaqstant, is-soprasessjoni tal-kawża odjerna sakemm tiġi deċiża l-kawża rigward il-validita' o meno tat-testment tal-2009 mhix ser tippreġudika d-drittijiet proprjetarji tar-rikorrenti, stante illi, fi kwalunkwe każ, jekk ir-rikorrenti ħaqqhom kumpens għal żmien passat, xorta waħda ser jeħduh, irrispettivament jekk hux issa jew minn

[8] Vide para 26

hawn u ftit żmien ieħor, filwaqt illi kwalsiasi leżjoni illi setgħu sofrew ir-rikorrenti fil-passat ma jistgħux jilmentaw minnha llum il-ġurnata gialadarba huwa paċifiku illi l-Kap 158 sar joffri rimedji għal proprjetarji fil-pożizzjoni tar-rikorrenti;

21. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Graziella Schembri Adami u t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat, u konsegwentement tordna s-soprasessjoni ta' din il-kawża.

**Decide**

22. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimata Graziella Schembri Adami, u

(ii) **Tilqa'** t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat; u konsegwentement

(iii) **Tordna** s-soprasessjoni ta' din il-kawża, li qed tiġi mħollija *sine die*, riappuntabbli wara li ssir talba minn xi waħda mill-partijiet permezz ta' rikors sa żmien perentorju ta' sebat ijiem mid-data li fiha l-kawża fl-ismijiet *Graziella Schembri Adami vs Maria Luisa Schembri Adami et* (Rik Ġur Nru 888/2022 (DC)) tgħaddi in ġudikat.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri riservati għall-ġudizzju finali.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**

**Deputat Reġistratur**